

Brussell, 5 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6650/20

ENV 160
ENER 77
IND 29
TRANS 102
ENT 27
SAN 77
AGRI 83

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi: 5 ta' Marzu 2020
lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6338/20

Suġġett: Titjib tal-Kwalità tal-Arja
– Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fit-3754 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Marzu 2020.

**Titjib tal-Kwalità tal-Arja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni "Ewropa li tiproteġi: Arja nadifa għal kulħadd"¹, li tistabbilixxi l-isforzi politiċi tal-UE biex tappoġġa u tiffaċilita miżuri kosteffettivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn setturi differenti meħuda mill-Istati Membri biex jilhq u l-miri nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-istandards tal-kwalità tal-arja ambjentali, tirrikonoxxi azzjonijiet konġunti li ttieħdu, tidentifika possibbiltajiet ta' finanzjament, tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali u l-konformità, u tipproponi aktar azzjonijiet ta' infurzar u t-triq 'il quddiem;
2. IFAKKAR li skont is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, għandu jiġi żgurat li sal-2020 il-kwalità tal-arja ta' barra fl-Unjoni tkun tjiebet b'mod sinifikanti, filwaqt li tqarreb lejn il-livelli rakkomandati mid-WHO;²
3. IFAKKAR fl-ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tal-UE³, li tipprojetta li l-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett ta' miżuri adottat mill-koleġislaturi sa mill-Programm għal Arja Nadifa tal-2013 tista' tikseb konċentrazzjonijiet ta' materja partikolata fina taħt il-valur tal-linja gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) sal-2030 fil-biċċa l-kbira tal-UE u tiżgura tnaqqis sinifikanti tal-impatti fuq is-saħħa;

¹ dok. 9048/18

² Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (L 354, 28.12.2013, p. 171).

³ dok. 10360/1/18 REV 1

4. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tniġġis tal-arja: Saħħitna għadha mhix qed tiġi protetta biżżejjed"⁴, li fihom enfasizza l-ħtieġa għal aktar miżuri effettivi għall-kwalità tal-arja u leġislazzjoni koerenti fil-politiki kollha tal-Unjoni, kif ukoll il-ħtieġa li jittieħed kont tal-aktar evidenza xjentifika reċenti dwar l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u jitqiesu l-linji gwida tad-WHO;
5. JILQA' il-Kontroll tal-Idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali (AAQ)⁵ u JIEĦU NOTA tas-sejbiet li jinsabu fih; JIEĦU NOTA tal-konklużjoni li d-Direttivi AAQ ġew b'mod ġenerali adattati għall-iskop tagħhom u huma koerenti mal-qafas ġenerali tal-politika dwar l-arja nadifa tal-UE, inkluż b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Limiti Nazzjonali tal-Emissjonijiet (NEC); JIRRIKONOXXI li d-Direttivi jiffurmaw bażi regolatorja koerenti għat-titjib tal-kwalità tal-arja fl-UE u għal kriterji ta' valutazzjoni għall-kwalità tal-arja armonizzati madwar l-UE;
6. JIRRIKONOXXI li l-politika tal-UE dwar l-arja nadifa tat kontribut sinifikanti għat-titjib tal-kwalità tal-arja fl-UE, b'inqas nies esposti għal tniġġis tal-arja li jagħmlu ħsara meta mqabbel mal-2008; JISĦAQ, madankollu, li t-tniġġis tal-arja jibqa' l-aktar kawża ambjentali importanti ta' problemi tas-saħħa fl-UE, li huwa stmat li jikkawża aktar minn 400 000 mewta prematura kull sena; IFAKKAR li n-nies fiż-żoni urbani huma partikolarment esposti; JIRRIKONOXXI li t-tniġġis tal-arja għandu effetti ta' ħsara fuq l-ekosistemi u jikkontribwixxi għat-telfien tal-bijodiversità;
7. JILQA' l-fatt li d-Direttivi AAQ iggwidaw l-istabbiliment ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja rappreżentattiv u ta' kwalità għolja, stabbilixxew standards ċari tal-kwalità tal-arja, u ffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni affidabbli, oġġettiva u komparabbli dwar il-kwalità tal-arja fost l-Istati Membri, inkluż għal pubbliku ġenerali usa', li wassal għal aktar sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u appoġġa l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kwalità tal-arja; JIRRIKONOXXI, madankollu, li tqajjem xi tħassib dwar il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet jippermettu, f'xi każijiet, grad ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-disinn tan-network ta' monitoraġġ;

⁴ dok. 15782/18

⁵ dok. 14712/19

8. JISSOTTOLINJA li l-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti, b'mod partikolari l-valuri ta' limitu, wasslu għal titjib sinifikanti fil-kwalità tal-arja matul l-aħħar għaxar snin; IQIS għalhekk li huwa essenzjali li jibqgħu jintużaw l-valuri ta' limitu sabiex tiġi protetta s-saħħa taċ-ċittadini; JIRRIKONOXXI li d-Direttivi AAQ madankollu ma kinux kompletament effettivi u li hemm lok għal titjib fil-qafas eżistenti biex jiġi żgurat li tinkiseb kwalità tal-arja tajba madwar l-UE sabiex jiġu evitati b'mod ġenerali effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;
9. JIĠBED L-ATTENZJONI għas-sejba li r-rekwiżit li tittieħed azzjoni ta' rimedju f'każ ta' eċċessi osservati skont id-Direttivi AAQ kienet deċiżiva biex jiġi attivat titjib fil-kwalità tal-arja iżda JIRRIKONOXXI li l-azzjoni meħuda fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE mhux dejjem kienet biżżejjed biex tissodisfa l-istandards tal-kwalità tal-arja u biex iżżomm l-eċċessi kemm jista' jkun qosra u li għad hemm sfidi ta' implimentazzjoni f'għadd ta' oqsma, inkluż il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-azzjoni kemm bejn il-livelli differenti ta' governanza kif ukoll bejn setturi differenti;
10. JILQA' l-għan tal-Kummissjoni, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jiġi indirizzat ulterjorment it-tniġġis permezz ta' azzjonijiet preventivi u ta' rimedju u l-azzjonijiet ippjanati biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja fihom; JISĦAQ fuq l-importanza li jinsiltu tagħlimiet mill-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-kwalità tal-arja, inkluż ir-riżultati tal-Kontroll tal-Idoneità, sabiex jiġi kkunsidrat jekk il-qafas legali attwali għandux jiġi rivedut biex jippermetti implimentazzjoni u infurzar aktar effiċjenti u effikaċi tad-dispożizzjonijiet dwar il-kwalità tal-arja, filwaqt li titqies l-aħħar evidenza xjentifika dwar l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent; JISĦAQ li kwalunkwe proposta legiſlattiva għandha tkun, fejn xieraq, soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt komprensiva;

11. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi reviżjoni tal-istandards tal-kwalità tal-arja, u JISTENNA B'INTERESS id-diskussjonijiet dwar dawn il-proposti, fost l-oħrajn dwar il-possibbiltà ta' allinjament aktar qrib tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE mal-linji gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-arja, li bħalissa qed jiġu riveduti u aġġornati; JISĦAQ li l-għan ewlieni tat-tiġid tal-istandards tal-kwalità tal-arja huwa li jitnaqqas l-impatt negattiv tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa u l-ambjent; JISSOTTOLINJA l-importanza li jsir sforz biex jintlaħqu l-livelli tal-linji gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-arja, u b'hekk jingħata kontribut għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti; madankollu, JINNOTA BI TĦASSIB li minkejja l-isforzi biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, f'bosta Stati Membri l-istandards tal-kwalità tal-arja għal xi sustanzi niġġiesa għadhom mhumiex qed jintlaħqu u li jeħtieġ li tittieħed azzjoni xierqa mill-aktar fis possibbli fil-livelli kollha;
12. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tikkomplementa r-reviżjoni tal-istandards tal-kwalità tal-arja, b'mod partikolari l-valuri ta' limitu, li kienu effettivi u jibqgħu essenzjali biex jiġi żgurat livell minimu ta' protezzjoni, b' aktar kunsiderazzjonijiet dwar kif approċċ ibbażat fuq l-indikaturi medji tal-esponiment jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis tal-esponiment globali tal-popolazzjoni ġenerali kullimkien, filwaqt li jitqies l-impatt fuq gruppi vulnerabbli, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet magħżula skont id-Direttiva 2008/50/KE⁶, u għat-titjib tas-saħħa tal-bniedem; barra minn hekk JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tirrevedi l-istandards attwali tal-kwalità tal-arja għall-ożonu fid-dawl ta' valutazzjoni ta' diversi fatturi li jinfluwenzaw il-livelli tal-ożonu, bħal ċirkostanzi ġeografiċi u klimatoloġiċi;
13. JINNOTA li s-sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja fl-UE huma t-trasport, kemm bit-triq kif ukoll mhux bit-triq; is-settur kummerċjali, istituzzjonali u domestiku, inkluż it-tiġid residenzjali; il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija; l-użu tal-enerġija fl-industrija; il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti; l-agrikoltura u l-iskart;

⁶ Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

14. JISSOTTOLINJA li politika effettiva dwar l-arja nadifa teħtieġ approċċ integrat biex tiġi żgurata l-koerenza, li tiġi evalwata b'mod regolari, ma' politiki ambjentali oħra u mal-oqsma ta' politika rilevanti l-oħra kollha, inkluż il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sorsi ta' emissjonijiet, bħall-klima, l-industrija, l-enerġija, it-trasport u l-agrikoltura, u li jagħmel użu aħjar mis-sinerġiji bejn l-oqsma kollha ta' politika, bl-użu wkoll tal-opportunitajiet offruti mill-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiġu evitati l-kompromessi; JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati l-kobenefiċċji bejn l-azzjoni klimatika u l-kwalità tal-arja, kif ġie vvalutat debitament fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima"⁷, li tirriżulta f'titjib fil-kwalità tal-arja, is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi;
15. JISĦAQ li l-oġġettivi tal-kwalità tal-arja għandhom jiġu riflessi bis-siħ fil-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sorsi ta' emissjonijiet u fid-disinn ta' inizzjattivi settorjali ġodda skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż dwar il-mobbiltà intelliġenti, l-integrazzjoni tas-settur intelliġenti, l-enerġija rinnovabbli, ir-rinnovazzjoni tal-bini, it-tisħin residenzjali, l-agrikoltura u l-industrija, inkluż il-produzzjoni tal-enerġija; f'dak il-kuntest JISSOTTOLINJA r-responsabbiltà konġunta tal-UE u l-Istati Membri li jħarsu u jtejbu l-kwalità tal-arja; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe proposta għal leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sorsi ta' emissjonijiet tikkontribwixxi biżżejjed biex jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-arja;
16. IQIS li hemm bżonn ta' skrutinju regolari tal-impatt tal-Pakkett ta' Politika dwar l-Arja Nadifa tal-UE kollu kemm hu; f'dan ir-rigward, JINNOTA li l-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa biennali tipprovdi aġġornamenti regolari dwar is-sitwazzjoni tal-kwalità tal-arja fl-UE, u li l-ewwel rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva NEC għandu jiġi adottat fl-2020; JINNOTA wkoll li qed titħejja evalwazzjoni tal-IED, li ser tkompli tivvaluta r-rabtiet bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-leġiżlazzjoni li tillimita l-emissjonijiet tal-akbar installazzjonijiet industrijali u tal-impjanti ta' kombustjoni fl-Ewropa, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu indirizzati s-sorsi industrijali rilevanti kollha tat-tniġġis tal-arja;

⁷ dok. 15011/18

17. JENFASIZZA li l-Kontroll tal-Idoneità sab li l-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima b'mod ġenerali jappoġġaw it-titjib tal-kwalità tal-arja; JENFASIZZA li huwa essenzjali li r-rekwiżiti ġodda tal-effiċjenza enerġetika u tal-emissjonijiet skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, inkluż għall-ħiters u l-bojlers, u l-kriterji ta' sostenibbiltà ġodda tal-UE skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli⁸, ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif ukoll il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja (NAPCPs) u l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs), jikkontribwixxu għal koerenza u sinerġiji kontinwi, filwaqt li jiġu evitati kompromessi, bħal fil-każ tal-użu tal-bijomassa kemm għat-tiġin residenzjali kif ukoll għal installazzjonijiet ta' kombustjoni ta' daqs medju;
18. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiegħu aktar azzjoni fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero, li għandha tirriżulta wkoll f'kobenefiċċji għall-kwalità tal-arja; JAQBEL mal-importanza li jiġi indirizzat it-tniġġis tal-arja kkawżat mill-emissjonijiet mit-trasport, speċjalment fl-ibliet, inkluż l-impatt ta' vetturi użati importati; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi standards aktar stretti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja għal vetturi b'magna bil-kombustjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll sustanzi niġġiesa li għadhom mhumiex regolati; IĦEĠĠEĠ it-tiġin ta' kontrolli waqt it-tħaddim għall-konformità mal-istandards ta' emissjoni ta' sustanzi niġġiesa għall-vetturi b'magna bil-kombustjoni, b'enfasi partikolari fuq l-ittestjar waqt kundizzjonijiet reali ta' sewqan;
19. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi aktar azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport marittimu, b'kont meħud tan-natura globali tat-trasport marittimu internazzjonali, u mit-trasport marittimu fuq il-mijiet interni, u miżuri biex titjeb il-kwalità tal-arja fil-portijiet u fejn l-ajruporti; f'dak il-kuntest, JAPPOĠĠA l-isforz li għamlu l-Partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona fil-COP21 dwar il-Baħar Mediterran;

⁸ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

20. JIEĦU NOTA tas-sejba tal-Kontroll tal-Idoneità li fid-deċennju li għadda, l-emissjonijiet tal-ammonijaka, li huma prekursor għall-materja partikolata, naqsu konsiderevolment inqas minn emissjonijiet oħra, fost l-oħrajn minħabba nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika dwar is-sors; JIRRIKONOXXI li s-settur agrikolu huwa s-sors ewlieni tal-emissjonijiet tal-ammonijaka totali fl-UE kollha; JISSOTTOLINJA li l-miżuri biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet diġà huma disponibbli u teknikament u ekonomikament vijabbli u JINKORAĠĠIXXI applikazzjoni usa' ta' dawk il-miżuri; JINNOTA li filwaqt li l-PAK għaddiet minn sensiela ta' riformi biex tissaħħa is-sostenibbiltà ambjentali tagħha, aktar titjib jiddependi fuq l-eżitu tan-negozjati dwar il-futur tagħha wara l-2020;
21. JILQA' l-isforzi favur azzjoni konġunta li diġà saru mill-UE u mill-Istati Membri, bħad-Djalogi dwar l-Arja Nadifa u l-Forum dwar l-Arja Nadifa; JAPPOĠĠA l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE, l-Istati Membri, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali; JAPPOĠĠA wkoll il-kooperazzjoni reġjonali u l-azzjoni konkreta biex jiġi miġġieled it-tniġġis transkonfinali tal-arja, inkluż skont il-Konvenzjoni dwar l-Arja tal-UNECE;
22. JIRRIKONOXXI li, skont valutazzjonijiet reċenti⁹, it-tniġġis tal-arja fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, speċjalment f'żoni urbani u industrijali, jibqa' kawża serja ta' problemi tas-saħħa u għandu effett negattiv fuq l-ambjent; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent bil-ħsieb li tappoġġa lill-pajjiżi f'dak ir-reġjun fit-teħid ta' azzjoni effettiva fit-transizzjoni ekoloġika, inkluż it-titjib tal-kwalità tal-arja permezz ta' allinjament mal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE;

⁹ Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Fuljett Nru 1/2020: "Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent - Ghoxrin snin ta' kooperazzjoni maż-ŻEE - Żviluppi u kisbiet ewlenin, u t-triq 'il quddiem" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ŻEE, Copenhagen, 2019)

23. JAQBEL li gwida addizzjonali u, skont il-każ, rekwiżiti aktar ċari fid-Direttivi AAQ nfushom, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi lokali speċifiċi fejn meħtieġ, jistgħu jgħinu biex il-monitoraġġ, l-immudellar u d-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet u l-miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom ikunu aktar effettivi u effiċjenti u jarmonizzaw aktar l-approċċi applikati għalihom; JAPPOĠĠA l-azzjonijiet ippjanati tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż permezz tal-użu tal-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni;
24. JENFASIZZA l-ħtieġa għall-investimenti meħtieġa biex jiġi appoġġat it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja peress li l-benefiċċji tal-politiki dwar il-kwalità tal-arja jaqzbu bil-kbir l-ispiża għall-implimentazzjoni tagħhom; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-prijoritizzazzjoni, ta' aċċessibbiltà akbar u tal-użu ta' finanzjament disponibbli għat-titjib fil-kwalità tal-arja; f'dan ir-rigward, JISSUĠĠERIXXI inizjattivi speċifiċi li għandhom isiru disponibbli, mingħajr preġudizzju għar-riżultat tan-negozjati li għaddejjin dwar il-QFP, għall-aktar miżuri kosteffettivi li jtejbu s-saħħa f'żoni b'karatteristiċi ġeografiki jew klimatoloġiċi partikolari li jagħmlu l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja aktar diffiċli; JISSUĠĠERIXXI, fejn xieraq, li l-benefiċċji konġunti għall-miri klimatiċi u l-kwalità tal-arja jintużaw bħala ingranaġġ għall-investment privat;
25. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2019¹⁰, JIKKUNSIDRA li t-tassazzjoni fuq l-enerġija bħala strument fiskali tista' tkun parti importanti mill-inċentivi ekonomiċi li jiggwidaw transizzjoni tal-enerġija ta' suċċess, li jixprunaw emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u investimenti fl-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli;
26. JINNOTA l-evalwazzjonijiet li għaddejjin tal-linji gwida rilevanti dwar l-ġhajjnuna mill-Istat, inkluż il-linji gwida dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għall-ambjent u l-enerġija, sabiex jirriflettu l-għanijiet politiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jappoġġaw transizzjoni kosteffettiva lejn in-newtralità klimatika sal-2050, u biex jiffaċilitaw l-eliminazzjoni gradwali tal-karburanti fossili, b'mod partikolari dawk l-aktar niġġiesa, filwaqt li jiżguraw kondizzjonijiet ekwi fis-suq intern; JENFASIZZA l-ħtieġa li l-oġġettivi tal-kwalità tal-arja jiġu riflessi bis-sħiħ fl-evalwazzjoni tal-linji gwida dwar l-ġhajjnuna mill-Istat;

¹⁰ dok. 14608/19

27. JISĦAQ fuq l-importanza li tkun prevista transizzjoni ġusta u ekwa, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal enerġija nadifa, affordabbli u suffiċjenti għaċ-ċittadini Ewropej kollha, b'mod partikolari familja bi dħul baxx;
 28. JENFASIZZA li t-titjib tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja u l-impatt tagħha fuq is-saħħa u l-ekosistemi huwa kruċjali u JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward.
-